MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 31/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Francis Falzon, bin Anthony u Mary nee' Vella, imwieled fid-19/12/1957, residenti fil-fond Falzon, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 71357(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Falzon li gie akkuzat talli nhar il-05.02.2009 ghal habta ta' 08:30hrs gewwa Triq San Blas, Nadur, waqt li kien qieghed isuq il-vettura IBA 384 ta' ghamla Mitsubishi kien involut f'accident tat-traffiku mal-vettura SAM 075 u kkaguna

ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Camilleri ID 15099G u ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jean Camilleri ID 4798G kif iccertifikati minn Dr. Michael Portelli MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-parte civile gew risarciti ghad-danni minnhom sofferti f'dana l-incident. Inoltre l-minuri involuta fl-incident illum fieqet kompletament mill-griehi sofferti minnha u dana kif jirrizulta mill-verbal tal-1 ta' Lulju 2010;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 224 u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt euro (€500);

Inoltre tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient (8) ijiem mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------